SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA**

**9 ta' Novembru, 2010**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo, l-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membri Janet Barthet, Alfred Mangion u Robert Vella Bonnici.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo ppresjeda.

**5.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

5.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tar-raba' laqgħa tal-Kumitat.

5.1.2 Emenda mressqa mill-Kunsillier Alfred Mangion:

5.1.3 “Wara minuta 4.1.7 tidħol minuta ġdida numerata 4.1.7A li tgħid “Il-Membru Robert Vella Bonnici irtira l-emenda mressqa iktar qabel (4.1.2 u 4.1.3)”.”

5.1.4 Din l-emenda kienet issekondata miċ-*Chairperson* u għaddiet unanimament.

5.1.5 Emenda mressqa miċ-*Chairperson*:

5.1.6 “Wara minuta 4.1.9 tidħol minuta 4.1.9A li tgħid “Il-Membru Robert Vella Bonnici ma jaqbilx ma’ minuta 4.1.9”.”

5.1.7 Din l-emenda kienet issekondata mill-Membru Alfred Mangion u għaddiet unanimament.

5.1.8 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

5.1.9 “*Il-Kumitat japprova l-Minuti tar-raba’ seduta kif emendati.*”

5.1.10 Din il-mozzjoni kienet issekondata miċ-*Chairperson* u approvata unanimament.

5.1.11 Il-Kumitat kien infurmat li fir-rigward ta’ minuta 4.1.11 kienet saret laqgħa ma’ TM fid-29 ta’ Ottubru, 2010.

5.1.12 Fir-rigward ta’ minuta 4.1.12 kien hemm qbil li l-*bring-in site* ta’ Triq Birkirkara tibqa fejn hi.

5.1.13 Fir-rigward ta’ minuta 4.1.15 il-Kumitat innota li għandhom kull dritt li jkunu preżenti u li ma jħallu lil ħadd jiddetta l-ħidma tiegħu.

5.1.14 Il-Membru Janet Barthet daħlet għal laqgħa f’dan l-istadju (6.10pm)

5.1.15 Fir-rigward ta’ minuta 4.1.16 saret referenza għal parir mogħti mill-Avukat tal-Kunsill b’*email* datata t-13 ta’ Ottubru li testwalment tgħid dwar iffilmjar u attivitajiet oħra fil-Kappara, il-Membru Alfred Mangion oġġezzjona bil-qawwa kollha għal *email* datata 24 ta’ Settembru mibgħuta mir-residenti Louis Camilleri u Josephine Mifsud fejn għeddu lil Kumitat li jkunu lesti jitolbu lill-Qorti toħroġ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-Kumitat jekk isiru attivitajiet fil-Kappara mingħajr ma jiġu konsultati r-residenti biex jgħatu l-approvazzjoni tagħhom.

5.1.16 Il-Membru Alfred Mangion żied jgħid li l-Kumitat huma r-rappreżentanti eletti mir-residenti għar-residenti u għalhekk huwa l-Kumitat li għandu l-mandat biex jieħu d-deċiżjonijiet rigward il-Kappara; u dan bħal ma jsir f’kull demokrazija.

5.1.17 Il-Kumitat qabel mal-Membru Alfred Mangion.

5.1.18 Dwar minuta 4.2.3, kellha ssir konferma maċ-*Chiswick House School* li mhux qed jidħlu *buses* fi Triq Antonio Schembri.

5.1.19 Kien hemm qbil li dwar minuta 4.2.5 tiġi mibgħuta *reminder* lill-ambaxxati.

5.1.20 Dwar minuta 4.2.6, kien hemm qbil li jerġa jsir tentattiv biex issir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill.

5.1.21 Dwar minuta 4.2.8, kien hemm qbil li ċ-*Chairperson* jerġa jsemmi dan is-suġġett lil *Chiswick House School*.

5.1.22 Dwar minuta 4.2.10, il-Kumitat kien infurmat li t-tabelli saru.

5.1.23 Iċ-*Chairperson* issospenda r-regolamenti tal-laqgħa sabiex issir diskussjoni mal-*Contracts Manager* tal-Kunsill Emanuel Farrugia.

5.1.24 Matul id-diskussjoni kienet diskussa l-istat ta' ndafa fit-toroq fil-Kappara kif ukoll ġew preżentati diversi ritratti sabiex juru dan.

5.1.25 Il-Kumitat wara li sema lil *Contracts Manager* qabel li jinsab konvint li r-*roaster* skont il-kuntratt mhux qed tinżamm kif ukoll semma li se titdaħħal sistema aħjar ta' kontroll.

5.1.26 Qabel li mis-sena d-dieħla jistenna li jkun hemm superviżżjoni aħjar u li jibdew jinħarġu d-*default notices* fejn il-programm ta' xogħol ma jkunx imwettaq.

5.1.27 Il-*Contracts Manager* kien mitlub jirtira mil-laqgħa.

5.1.28 Wara diskussjoni kien hemm qbil li tingħata lis-Segretarju Eżekuttiv lista tal-postijiet fejn hemm *overgrown trees* f'residenzi privati għal fuq toroq pubbliċi.

## 5.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

5.2.1 Il-Kumitat kien infurmat li l-proġett tiegħu għal manutenzjoni ta' Ġnien Ġ.M. Camillieri kien aċċettat u ingħata l-ammont ta' €13,000 liema fondi kienu ppreżentati liċ-*Chairperson* waqt konferenza stampa mis-Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Said.

5.2.2 Il-Kumitat unanimament qabel li l-Perit tal-Kunsill jiġi nkarigat iħejji d-dokument tal-offerta.

5.2.3 Iċ-*Chairperson* informa lil Kumitat li kienet saret laqgħa kordjali ħafna ma' Transport Malta u l-Pulizija dwar id-dħul ta' *buses* fi Triq Antonio Schembri kif ukoll dwar il-proġett propost għal *bollards* fl-inħawi.

5.2.4 Il-Kumitat unanimament qabel li l-Perit tal-Kunsill jigi nkarigat iħejji pjanta għal approvazzjoni ta' dan il-proġett.

5.2.5 Iċ-*Chairperson* informa lil Kumitat b'laqgħa oħra li nżammet mal-Ministru George Pullicino fejn kien hemm qbil li l-Kumitat jgħaddi lil Ministeru lista ta' xogħlijiet li possibilment isiru mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet.

5.2.6 Kien hemm qbil li tiġi mitluba s-superviżżjoni tal-gwardjani lokali fi Triq il-Virdun u Triq il-Ħuttaf.

5.2.7 Il-Kumitat kien ippreżentat bil-*leaflet* li sar bħala parti mill-kampanja ta' lokalitajiet indaf, fejn ingħata ringrazzjament lil Membru Janet Barthet għal preparazzjoni u tqassim tiegħu.

5.2.8 Kien hemm ukoll qbil li jsiru t-tabelli kif kien ipprogrammat.

**5.3 *Monthly Kappara Accounts (Not Audited)***

5.3.1 Wara diskussjoni, fejn kien iċċarat x'kien qed jiġi mistenni mill-Kumitat, s-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li semma li se jgħaddi tali nformazzjoni, ċċara li din mhux se tkun b'xi mod qed tirrifletti l-pożizzjoni ċara netta tal-Kumitat.

5.3.2 Il-Kumitat fehem li tali nformazzjoni se sservi biss ta' gwida ġenerali u kien qed jistenna li jkun hemm linji ċari dwar is-sistema ta' *accounting* fl-iqsar żmien possibli.

## 5.4 Proġett fi Ġnien G.M. Camillieri

5.4.1 Filwaqt li saret referenza għal komunikat taċ-*Chairperson* matul din il-laqgħa, l-Kumitat iddiskuta x-xogħlijiet li hu antiċipat li jsiru.

5.4.2 Kien hemm qbil li wara l-laqgħa mal-Perit issir mawra fuq il-post sabiex ikunu ċċarati iktar l-intenzjonijiet tiegħu għal dan il-proġett.

5.4.3 Kien hemm qbil unanimu li dan il-proġett ikollu *capping* tal-ammont mogħti, ossija dak ta' €13,000.

5.4.4 Kien hemm qbil unanimu li jsir studju dwar il-dawl pubbliku fil-Kappara fejn il-Viċi *Chairperson* kien inkarigat minn dan.

5.4.5 Il-Kumitat unanimament qabel li tiġi mixtrija *cabinet* sabiex titpoġġa fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali u titħalla għal użu esklussiv tal-Kumitat Amministrattiv.

5.4.6 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fis-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **14 Diċembru, 2010**

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Adrian Mifsud |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |